MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 348/1991/2

**Mario Galea Testaferrata, Nicholas Jensen, Helen armla ta’ Malcolm Miles, Agnes mart l-ispizjar Alfred Gera de Petri u l-istess Spizjar Alfred Gera de Petri li jidher ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Irene mart John Bach,**
**Anna Marie mart John Spiteri Debono li tidher kemm f’isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta’ l-imsiefra Karen mart it-tabib Joseph Preziosi**

**v.**

**Il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, George u Maria konjugi Theuma, u Ganni u Lelina konjugi Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment wara li din il-Qorti, fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2006[1], issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u talbet ghal xi skjarimenti minghand il-partijiet dwar punti procedurali li jidher li kienu sfuggew lil kulhadd. Effettivament, fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2006, li ghaliha attendew Agnese Gera de Petri u John Spiteri Debono assistiti mill-avukati Dott. Ian Refalo u Dott. Therese Comodini Cachia, kif ukoll id-Deputat Avukat Generali Dott. Peter Grech ghall-appellanti Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja, din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet li, wara ezami akkurat tal-process, pjuttost voluminuz, kien irrizulta lil din il-Qorti s-segwenti: (i) li l-appell tal-Gvern (Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja)[2] qatt ma gie notifikat lill-eredi ta' George Theuma jew l-aventi kawza tieghu, (ii) li l-appell incidentali tar-rikorrenti appellati[3] qatt ma gie notifikat lil ebda wahda mill-kontro-partijiet, u (iii) li kemm John u Lilian [recte: Lelina] Grech kif ukoll Maria Theuma qatt ma gew notifikati bl-avviz tas-smigh ta' dana l-appell u tal-appell incidentali, cioe` qatt ma gew notifikati bil-proceduri odjerni. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li meta gie ppresentat ir-rikors ta' appell, l-appellanti kienu ghall-ewwel innotifikaw biss lir-rikorrenti appellati (cioe` lil Mario Galea Testaferrata et) f'indirizz wiehed u cioe` Palazzo Mangion, numru 2, Triq is-Salib Imqaddes, Mdina, u mir-riferta a tergo ta' fol. 2 tal-atti jirrizulta li dan ir-rikors gie notifikat f'idejn Nicholas Jensen. L-ghada, 13 ta' Ottubru 2000, sar il-hlas ghal zewg notifiki ohra u precisament sabiex jigu notifikati John u Lelina Grech kif ukoll George u Maria Theuma. Il-konjugi Grech gew notifikati bir-rikors ta' appell fis-17 ta' Ottubru 2000 (ara riferta a fol. 3, tergo), izda fir-rigward tal-konjugi Theuma giet notifikata biss – ukoll fis-17 ta' Ottubru 2000 – Maria Theuma. Ir-riferta tal-Marixxall Portelli tat-18 ta' Ottubru 2000 tghid car u tond li

[1] Fol. 181 tal-atti. Ir-referenza ghall-atti u ghall-pagni tal-atti hija dejjem, sakemm ma jigix indikat mod iehor, referenza ghall-atti tal-appell.
[2] Ippresentat quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2000.
[3] Li gie ppresentat flimkien mar-risposta taghhom tad-19 ta' Ottubru 2000.

huwa ma nnotifikax lil George Theuma ghaliex sar jaf minghand martu li dana George kien miet. L-avviz tas-smigh tal-appell – l-ewwel jum tas-smigh kien is-6 ta' Novembru 2000 – gie notifikat biss lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Gustizzja u lil Mario Galea Testaferra et, dawn ta' l-ahhar fl-indirizz fl-Imdina aktar 'l fuq imsemmi – ara riferti a fol. 18 tergo. Il-konjugi Grech u Maria Theuma baqghu ma gewx notifikati. Meta Mario Galea Testaferrata u r-rikorrenti l-ohra ppresentaw ir-risposta taghhom bl-appell incidentali, din ir-risposta, u ghalhekk ukoll l-appell incidentali, giet notifikata biss lill-Avukat Generali – ara fol. 20 tergo.

**2.** Issa, ma hemmx dubbju li l-konjugi Grech u Theuma kienu parti fil-kawza quddiem il-Prim Awla. Huma l-persuni li ghandhom l-utili dominju tal-fondi meritu ta' din il-kawza, fejn qed tigi attakkata bhala li hija leziva tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti appellati Mario Galea Testaferrata et proprju l-ligi li tippermetti l-konversjoni ta' enfitwesi temporanja f'wahda perpetwa – l-Artikolu 12(4)(5) tal-Kap. 158. Fir-rikors promotorju quddiem il-Prim Awla jinghad addirittura *"Illi l-intimati konjugi Theuma u konjugi Grech istitwew kawza quddiem il-Qorti t'Ghawdex Superjuri Civili fejn talbu dikjarazzjoni li huma ghandhom id-dritt li jikkonvertu l-enfitewsi temporanja tal-fond ossia fondi fuq imsemmija f'wahda perpetwa ai termini tal-ligi fuq citata…".* Quddiem l-ewwel Qorti huma kienu rappresentati mill-Avukat (illum Imhallef) Dott. Joseph R. Micallef[4], u s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2000 ikkundannathom ihallsu l-ispejjez flimkien mal-intimati l-ohra, cioe` flimkien mal-Prim Ministru u mal-Ministru tal-Gustizzja.

**3.** Ghalhekk l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk, in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 144 tal-Kap. 12 – li jezigi li appell (u allura neccessarjament ukoll appell incidentali) jigi notifikat <u>lill-partijiet kollha</u> – u l-Artikolu 963 tal-istess Kodici – dwar iz-zmien perentorju ghall-eghluq tal-procedura bil-miktub u l-konsegwenzi f'kaz li tali

[4] Ara, fost ohrajn, il-verbali <u>tal-Prim Awla</u> a fol. 10, 112, 161, 162, 166, 186 u l-verbal tas-6 ta' Gunju 2000.

procedura ma tkunx inghalqet f’dak iz-zmien – l-appell principali u l-appell incidentali ghandhomx it-tnejn jigu dikjarati dezerti (jew, proprjament, il-kawza titqies dezerta). Jigi precizat a skans ta’ ekwivoci li bis-sahha tar-regola 7 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, dawn id-disposizzjonijiet huma applikabbli wkoll ghal appelli bhal dak odjern, jigifieri fejn qed jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni Ewropea.

**4.** Fl-udjenza tat-30 ta’ Gunju 2006, l-abbili difensur tal-appellanti Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja, id-Deputat Avukat Generali Dott. Peter Grech, issottometta li galadarba George Theuma miet fit-22 ta’ Marzu 1993[5] u ghalhekk hafna qabel ma l-kawza fl-ewwel istanza kienet giet differita ghas-sentenza, dak li kellha taghmel din il-Qorti kien li tirrimetti l-atti lura lill-Prim Awla sabiex kollox jerga’ jitqieghed fl-istat li kien fih fit-22 ta’ Marzu 1993. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, l-appellanti Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja komplew jissottomettu li, apparti d-diskrezzjoni li ghandha din il-Qorti taht is-subartikolu (3) tal-Artikolu 963, galadarba l-gudizzju gie interrott bil-mewt ta’ George Theuma u allura kullma sar wara dik il-mewt, meta ma kienx hemm trasfuzjoni tal-gudizzju jew assunsjoni tal-atti, kien null, ma setax f’dana l-istadju jigi applikat id-dispost tal-Artikolu 963 dwar id-deserzjoni ta’ l-appell.

**5.** Issa, ghalkemm huwa veru li skond id-dottrina u l-gurisprudenza l-mewt ta’ parti fil-kawza qabel ma din tkun thalliet ghas-sentenza ggib l-“interruzzjoni tal-gudizzju”[6], jibqa’ l-fatt li sentenza nghatat. Tali sentenza tista’ tigi annullata biss in segwitu ghal appell jew ritrattazzjoni li jkunu gew validament istitwiti u li jkunu jistghu validament jibdew jinstemghu. Hu evidenti, ghalhekk, li s-sottomissjoni tal-abbili Deputat Avukat Generali, fis-sens li din il-Qorti ghandha tannulla kollox u tirrimetti l-atti lura lill-

[5] Ara c-certifikat tal-mewt ezibit permezz tan-nota tal-Prm Ministru tat-28 ta’ Gunju 2006.
[6] Ara, fost ohrajn, **Ivan Borg v. George Aquilina et**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 20 ta’ Ottubru 2003.

ewwel Qorti necessarjament tippresupponi li l-kawza fl-appell tista' tibda, jew setghet tibda, tinstema' u tigi deciza. L-unici zewg appelli intavolati huma dawk tal-Gvern u dak incidentali tar-rikorrenti Mario Galea Testaferrata et – la l-konjugi Grech u anqas Maria Theuma jew l-eredi ta' George Theuma ma appellaw. L-appell principali sar mill-Prim Ministru u mill-Ministru tal-Gustizzja, u dawn kienu tenuti li jaraw li l-appell jigi notifikat lill-partijiet kollha. Galadarba r-riferta negattiva tat-18 ta' Ottubru 2000 kienet tghid kjarament li George Theuma kien mejjet, kien jinkombi fuq dawn l-appellanti li jinizjaw il-procedura traccjata fl-Artikolu 807 tal-Kap. 12 ghall-kontinwazzjoni tal-kawza (f'dan il-kaz, fl-istadju ta' l-appell) u sabiex ikunu jistghu jigu notifikati bir-rikors ta' l-appell il-werrieta presuntivi tal-mejjet jew kuraturi li f'isimhom il-gudizzju jkun gie trasfuz u b'hekk titkompla l-kawza. Ghalkemm il-ligi ma tipprovdi ebda terminu biex issir il-procedura taht l-imsemmi Artikolu 807, fil-kaz meta din il-procedura hija mehtiega li ssir f'kawza f'qorti fi grad ta' appell u li l-procedura bil-miktub taghha tkun ghadha ma gietx maghluqa necessarjament isir relevanti u jiskatta t-terminu ta' sena mid-data tal-presentata tar-rikors ta' appell (Art. 963(2), Kap. 12), b'mod li l-imsemmija procedura w ir-relattiva notifika imposta fl-imsemmi art. 963(2) u 144 (1) ghandhom neccessarjament isiru f'dan it-terminu ta' sena – terminu twil bizzejjed biex dak li ghandu jsir ikun jista' isir. L-appellanti Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja dan ma ghamluhx, u hallew it-terminu perentorju ta' sena jghaddi inutilment. Ma jistax jinghad f'dan il-kaz li l-eccezzjoni tad-dezerzjoni giet b'xi mod rinunzjata ghax il-parti li kellha tigi notifikata bl-att mehtieg ghall-eghluq tal-process dehret waqt is-smigh tal-kawza, ma tatx l-eccezzjoni relattiva u ghaddiet jew xjentement halliet lil haddiehor jghaddi ghal atti ohra (Artikolu 963(4)), ghax f'dan il-kaz, kif inghad, anqas biss gew notifikati bl-avviz tas-smigh Maria Theuma u Gianni u Lelina Grech; u mill-atti ma jirrizultax li dawn qatt dehru f'dana l-istadju ta' appell, jew li deher xi hadd ghalihom jew ghall-eredi tal-mejjet George Theuma. L-anqas ma hu il-kaz li din il-Qorti tapplika s-subartikolu (3) tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12. Din id-disposizzjoni kienet tkun applikabbli kieku ma ddekorriex it-terminu ta' sena, u mhux bhal fil-kaz odjern

meta ddekorrew sitt snin mill-presentata tar-rikors ta' appell. Fi kliem iehor, is-sitwazzjoni li kkristallizzat ruhha eghluq sena wara l-presentata tar-rikors ta' appell principali u eghluq sena wara l-presentata tal-appell incidentali hi li l-kawza "ghandha titqies bhala kawza dezerta" skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 963. Fuq kawza dezerta din il-Qorti ma tista' tippronuncja ruhha fuq xejn aktar, hlief fir-rigward ta' dik id-dezerzjoni u l-konsegwenzi tad-dezerzjoni, u ghalhekk certament ma tistax taghmel dak li ssottometta l-abbili Deputat Avukat Generali.

**6.** L-istess konsiderazzjonijiet, naturalment, japplikaw – u japplikaw b'aktar forza – ghall-appell incidentali, u dan peress li r-rikorrenti appellati (Mario Galea Testaferra et) anqas biss ittantaw jinnotifikaw lill-konjugi Theuma u Grech. Huma ghazlu biss li jinnotifikaw lill-Avukat Generali!!

**7.** Konsegwentement din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tiddikjara li l-kawza, kemm riferibbilment ghall-appell principali kif ukoll riferibbilment ghall-appell incidentali, ghandha titqies bhala kawza dezerta fit-termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12 u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess appelli (principali u incidentali); u, konformement ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (6) tal-Artikolu 963 imsemmi, tiddikjara, ghal kull buon fini, li s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2000 ghaddiet in gudikat. U peress li dana l-provvediment ghandu min-natura ta' sentenza definittiva[7] in kwantu kollox ser jieqaf hawn, tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa. Finalment din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 242(1) tal-Kap. 12, tordna li kopja kemm ta' dan il-provvediment kif ukoll tas-sentenza tal-Prim Awla tat-3 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet premessi jigu minnufih trasmessi mir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili, lill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappresentanti.

[7] Artikolu 223, Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------